**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 31 ta' Jannar 2017**

Rikors Guramentat Nru. 63 / 15RGM

Kawza fil-lista: 7

**S V**
**vs**
**Q V**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Dikjarazzjoni

Ir-rikorrenti tikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li taf hija personalment:

1. Illi l-partijiet, S V, u Q V zzewgu nhar is-sitta u ghoxrin [26] ta' Settembru, tas-sena elf disa' mija u wiehed u tmenin (1981) gewwa l-Knisja ta' Birkirkara, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda, X V, illum maggorenni;

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba f'inkompatibbilita' ta' karattru, kif ukoll minhabba f'servigi, theddid u ingurja gravi da parti tal-intimat;

4. Illi l-esponenti giet awtorizzata illi tintavola dawn il-proceduri permezz ta' Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat l-24 ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015);

5. Illi r-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet mhiex possibbli u ghalhekk kellha ssir din il-kawza bl-ispejjez kontra l-intimat.

Raguni tat-Talba:

Ir-rikorrenti tikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li taf hija personalment:

6. Illi l-partijiet, S V, u Q V zzewgu nhar is-sitta u ghoxrin [26] ta' Settembru, tas-sena elf disa' mija u wiehed u tmenin (1981) gewwa l-Knisja ta' Birkirkara, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom;

7. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda, X V, illum maggorenni;

8. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba f'inkompatibbilita' ta' karattru, kif ukoll minhabba f'servigi, theddid u ingurja gravi da parti tal-intimat;

9. Illi l-esponenti giet awtorizzata illi tintavola dawn il-proceduri permezz ta' Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat l-24 ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015);

10. Illi r-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet mhiex possibbli u ghalhekk kellha ssir din il-kawza bl-ispejjez kontra l-intimat.

Talbiet:

Ghaldaqstant jghid ghalhekk l-intimat ghaliex m'ghandhiex:

1. Tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-intimat ta' servigi, theddid u ingurja gravi kontra l-esponenti;

2. Takkorda manteniment xieraq ghar-rikorrenti;

3. Tiddikjara li l-intimat iddekada minn kull jedd ghall-manteniment tieghu skond il-ligi;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma

f’ zewg porzjonijiet li jigu assenjati lill-kontendenti, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala d-data meta l-intimat jigi kkonsidrat li jkun hati tal-firda b'tali mod li hu jitlef kull jedd ghal kull akwist maghmul bil-hila tal-esponenti skond il-ligi, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv, kif ukoll kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

5. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut, ghalkemm gie notifikat personalment bir-rikors guramentat fl-1 ta’ April 2015, ma pprezenta l-ebda risposta guramentata u lanqas talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu.

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma nota pprezentata fl-24 ta’ Gunju 2015;

Rat l-affidavit ta’ X V, bint il-partijiet, ta’ Emanuela Zarb, oht l-attrici, ta’ Joseph Micallef, hu l-attrici u ta’ Helen Bonello, oht l-attrici, annessi ma’ nota pprezentata fl-14 ta’ Ottubru 2015;

Rat x-xiehda tal-attrici u ta’ bintha, Marie X Caruana li xehdu fis-seduta tal-1 ta’ Dicembru 2015;

Rat id-Digriet ta’ din il-Qorti tas-7 ta’ Dicembru 2015, fejn il-konvenut gie ordnat li ‘pendente lite’ ihallas lill-attrici Euro 160 manteniment kull erba’ gimghat, kif ukoll ihallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar matrimonjali;

Rat x-xiehda ta’ Reuben Bajada, ghall-Aluwood Company Limited, u ta’ Ivan Cilia, ghad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali, li xehdu fis-seduta tas-26 ta’ Jannar 2016, mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat r-rapporti li l-attrici ghamlet mal-Pulizija kontra zewgha, pprezentati min WPC 341 Leanne Farrugia, fis-seduta tad-9 ta’ Marzu 2016 mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fis-17 ta’ Awissu 2016, u dik tal-konvenut ipprezentata fl-14 ta’ Ottubru 2016;

Rat li l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

L-attrici, fl-affidavit taghha, Fol 21 et seq, mahluf fit-23 ta' Gunju 2015, ikkonfermat li zzewwget lill-konvenut fis-26 ta' Settembru 1981 u kellhom tifla, Marie X V li twieldet fil-15 ta' Settembru 1983. Fil-bidu kellhom relazzjoni tajba u kienu jghixu hajja normali. L-inkwiet nqala' ghal habta tas-sena 2007 meta l-konvenut beda jixrob, u flok jmur lura d-dar wara x-xoghol kif kien dejjem jaghmel, beda jmur fil-kazini biex jixrob. Il-hajja taghhom nbidlet mil-lejl ghan-nhar billi beda jidhol tard filghaxija, fis-sakra u kien dejjem jaghajjarha, joffendiha u anke jheddidha, bil-kliem " nitfak ghall-isfel", "inhassarlek wiccek", "inqabzek 'l barra", "nahdem ghalik", "mahmuga", "Irringrazza lill-Alla li gbartek", " inwaddbek mill-gallarija ghall-isfel", " Jaqbillek taghlaq il-bieb ghax hemm noqtlok, nivgag go demmek, intik tir go rasek ha nehles minnek". Spjegat li kien jindirizzaha bi kliem oxxenn u anke jobzqilha.

Il-flus li kienu faddlu minn xoghlu stess, 'taru mar-rih' billi kien dejjem jixrob fil-kazini u jhallas l-ispejjez fil-van billi kien jahbat ta' spiss.

Minhabba l-glied li kien jkollhom, binthom telqet mid-dar meta ghalqet 18-il sena, wara gimgha marret lura billi l-istess attrici ma kinitx tiflah. Il-konvenut ghall-ewwel lanqas induna li t-tifla kienet telqet u meta wara xi jumejn induna, qal li kien ser jinbidel ghax ried li t-tifla tmur lura u li jekk ma tirritornax kien jaghmel suicidju billi jaqbez bil-van b'kollox.

It-tifla marret lura, pero' il-konvenut ghalkemm dejjem jghid li ser jinbidel baqa' ma nbidilx. Eventwalment it-tifla telqet mid-dar ghal kollox billi ddejjqet mix-xenati u ma felhitx aktar. Billi gieli kienet ma torqodx tajjeb ma kinitx tikkoncentra fuq ix-xoghol u spiccat tiehu il-kalmanti. Fl-ahhar telqet mid-dar u marret tghix ghar-rasha, l-ewwel is-Siggiewi u wara Birkirkara biex tkun qrib l-attrici. L-istess attrici kienet tkun mdejjqa u telqet hi ukoll mid-dar xi tlett darbiet u marret ghal ftit gimghat ghand bintha. Il-konvenut kien icempillha u jitlobha tmur lura, kien jghidilha li kien ser jinbidel, izda kull draba li l-attrici marret lura d-dar wara ftit terga' l-istess hajja.

Meta l-konvenut kien jirritorna d-dar fis-sakra l-attrici kienet kostretta li taghmel rapporti l-Ghassa ta' Birkirkara u esebit tlett rapporti, dwar tnejn minnhom il-konvenut tressaq il-Qorti u gie kkundannat 6 xhur prigunerija sospizi ghal tlett snin. Inghat ukoll ordni ta' Supervizjoni u ordni ta' Trattament.

L-attrici xehdet illi l-konvenut ma baqax jaghtiha flus biex tixtri l-bzonnijiet ta' kuljum. L-ahhar li hallasha kien Euro 250 fi Frar 2015. Ma kellhiex flus biex thallas il-kontijiet tant li qatghulha is-servizz tat-telephone billi l-kontijiet pendenti ma thallsux. Meta titolbu ghall-flus jghidilha li ma ghandux, li jmissha tistaqsi lill-hutha jew tmur tipprostitwixxi ruhha.

L-attrici ssemmi kaz partikolari fejn kellha xi ftit flus mwarrbin f'kexxun u l-konvenut kien ammetta maghha li hadilha Euro 650, iffirmalha karta li kien ser jaghtihomlha izda baqa' ma taha xejn; kellha Euro 50 f'envelope li rceviet minghand persuna biex tghaddihom ghand is-sorijiet tal-klawsura fejn kien hemm ohtha, u anke dawn hadilha. Qaltlu li kienet ser tghid lil wahda minn hutu u spicca biex rritornahom.

Darba hadha il-Bank l-HSBC Santa Venera, iffirmat xi karta, qalilha li din kienet biex igib xi flus f'Malta li kienu barra, izda hi ddikjarat li ma tafx x'kienu dawn il-flus u x'sar minnhom.

Kienet tibza tirkeb mieghu ghax kien jwerwirha kif kien isuq. Aktar minn sena qabel kien habat ma' zewg karozzi, l-van spicca total loss u hu rcieva Euro 2800 mill-Assikurazzjoni, dawn il-flus l-attrici qatt ma rathom.

Hi kkonfermat li zewgha kien jahdem ma' kumpanija fil-qasam tal-Aluminium u tkecca fis-6 ta' Marzu 2015 ghar-ragunijiet ta' dixxiplina, minhabba l-problema li kellu bix-xorb. Wara sab xoghol ma' kumpanija ohra izda meta kienet titolbu l-flus ma kienx jaghtiha u spiccat tiekol ghand bintha.

Hi kkonfermat li fiz-zwieg kienu xtraw l-appartament f'Birkirkara, il-garage f'Bontadini Street, il-Van Peugeot Partner u ghamara li jinsabu fid-dar.

X V, bint il-partijiet, fl-affidavit taghha mahluf fis-6 ta' Lulju 2015, Fol 40, ikkonfermat li ghal dawn l-ahhar ghaxar snin ommha, l-attrici, kienet qed tbati mentalment u ma setghatx toqghod bi kwietha gewwa darha. Dan kollu beda meta missierha, il-konvenut, beda jmur il-kazin biex jixrob. Ma kellux rispett ghal ommha, tajjir, glied u theddied kontinwu. Kien jidhol u johrog x'hin irid u dejjem fis-sakra. Darba kellu jwassalha ghal catamaran billi kienet sejra taghmel xoghol ta' volontarjat mat-tfal fi Sqallija, pero' kellhom tieg u gie lura fis-sakra u ma felahx iqum biex jwassalha.

Meta kienu johorgu flimkien il- genituri s-Sibt fil-ghaxija, kien jmur ghaliha ghand in-nanna u kien jkun gia' nofsu fis-sakra, ghand in-nanna kien jkun hemm hut ommha li kienu jghidulu biex ma jixrobx izjed. Kien jwassal lill-attrici d-dar u jerga jmur jixrob il-kazin. Wara li jkun xeba jixrob kien jmur d-dar jisfoga, bintu u ommha kienu jiehdu qata meta jmur lura d-dar.

Hi kkonfrontat lil missierha diversi drabi, biex irazzan il-mod kif ikellem lill-attrici izda kien kollu ta' xejn. Meta ma jkunx xurban kien iwieghed li kien ser jinbidel u ma kienx ser jibqa' jixrob izda l-anqas tilhaq taghaddi gurnata li ma jergax jibda jixrob. Hu baqa' jippersisti bix-xorb, tant li gieli rrikorriet ghand iz-

zijiet taghha ghall-ghajnuna. Dawn ukoll ippruvaw ikellmuh bil-kelma t-tajba izda kollu kien ghal xejn. Hi tghid li ma felhitx tibqa' tara lil ommha f'dak l-istat, kull jum tibki u xorta kull jum tiehu hsieb il-facendi kollha tad-dar u kull jum issajjarlu. Hu pero' dejjem kien jigi tard u qatt ma kien jiekol u jghidilha li kiel minn barra.

Telqet mid-dar billi ma felhitx izjed u meta missierha rrealizza li telqghet minhabba fih kien jghid lill-ommha biex tikkonvinciha tirritorna u hu ma jibqax jixrob. Hi marret lura d-dar minhabba ommha u mhux missierha, billi ma rieditx tibqa' taraha mdejqa u marret kontra qalbha. F'anqas minn jumejn minn meta rritornat regghu bdew bl-istess storja. Kienet tipprova tikkontrolla lil missierha izda kollu ghal xejn, tant li t-tabib ordnalha il-kalmanti.

Ltaqghet mal-gharus u ddecidiet li tmur tghix mieghu, billi ommha baqghet tinsisti li ma taghmilx rapport kontra r-ragel biex l-affarjiet ma jiggravawx. Ommha spiccat torqod fejn kienet torqod hi u kienet tissakkar ghax kien jediddha li joqtolha hemm gew.

Fl-ahhar iddecidew li jaghmlu rapport l-Ghassa u ma' l-Agenzija Appogg. Bdew il-proceduri u hu tant sar aggressiv ma' ommha li zammitha fid-dar taghha biex tistrieh. L-anqas flus ma kien qed jghaddilha. Rega' weghedha li ser jinbidel, l-attrici regghet marret mieghu izda wara ftit kellhom jaghmlu rapport iehor mal-Pulizija u ttiehdu proceduri bil-Qorti kontrih fejn hi kellha tixehed.

Tikkonferma li ommha kellha xi flus imwarbin u missierha hadhomlha. Ammetta u iffirma karta li kien ser jirrestitwixxi l-ammont ta' Euro 650, izda l-omm baqghet b'xejn. Meta dan l-ahhar kellhom il-Qorti l-attrici regghet hafritlu, izda wara ftit rega' beda bit-tajjir, insulti u theddied. Hi kkonkludiet li din l-istorja ilha ghadejja s-snin u ghandha bzonn tispicca. Hi ccempel lil ommha kull jum biex tisma' lehinha u taccerta ruhha li ghadha hajja. Ommha jisthoqilha hajja aktar trankwilla u haqqha tghix fil-paci u fil-kwiet minghajr it-theddied u l-biza li ser jghatiha xi kedda jew li jaqla' l-inkwiet.

Emanuela Zarb, oht l-attrici, fl-affidavit taghha mahluf fit-22 ta' Settembru 2015, Fol 42, ikkonfermat li l-inkwiet bejn ohtha u r-ragel taghha ilu sejjer s-snin. It-tifla taghhom, X, kemm il-darba marret ghandha tikbi minhabba l-mod kif missierha kien jitratta lil ommha. Tant ma felhitx taraha tbati aktar li kienet telqghet mid-dar. Xehdet li l-konvenut kien jaghti hafna kedded lil ohtha meta kien jirritorna d-dar fis-sakra.

Darba cemplitilha l-attrici filghodu imwerwra u qaltilha li l-konvenut kien ghamel lejl shih jeddidha li kien ser joqtolha. Marru l-Ghassa fejn ghamlet rapport u tant bezghet li marret ghal xi zmien tghix ghand bintha.

Ix-xhud irrakkontat episodju li sehhmeta x-xhud marret tara lil ommha d-dar tal-anzjani. Dakinhar kienet rat lil ohtha fil-van mar-ragel taghha. Malli nizlet mill-van il-konvenut saq ghal fuq l-attrici bis-sahha tant li x-xhud werzqet biex jieqaf u fil-fatt waqaf ezatt ma' saqajn l-attrici.

Xehdet illi bint il-partijiet bl-inkwiet ta' ommha qabditha 'depression', kienet dejjem tinsisti ma' ommha biex titlaq mid-dar u tmur tghix maghha, izda l-attrici rrifjutat.

Joseph Micallef, hu l-attrici, fl-affidavit tieghu mahluf fil-15 ta' Settembru 2015, Fol 43, iddikjara li lill-konvenut kien jafu bhala ragel sew qabel ma beda jixrob u jiffrekwenta il-kazini. Kull nhar ta' Sibt l-ahwa kollha kienu jiltaqghu ghand ommhom, u meta l-konvenut kien jigi ghall-attrici mill-komportament tieghu, u kif kien jkellem lill-attrici, kien jidher li jkun xurban. L-istess attrici kienet qalet lil hutha biex xenati li l-konvenut kien jaghamillha kemm fid-dar u anke barra.

Spjega kif l-attrici kien ikollha ansjeta' kbira fuqha. Hu jaf li ohtu ghamlet diversi rapporti kontra zewgha u li dan kien instab hati mill-Qorti tal-Magistrati.

Xehed illi bint il-partijiet cemplitlu diversi drabi inkwetata fuq ommha, kienet tmur ghandu tibki dwar ommha u li ghalkemm kien hemm diversi drabi fejn l-attrici kienet titlaq mid-dar u tmur tirrisjedi ghand bintha, ftit wara kienet terga' tirritorna d-dar mal-konvenut.

Jghid li kien hemm okkazjoni fejn il-konvenut insista li jwassal lix-xhud u lill-martu fil-van tieghu u werwirhom bil-mod kif kien issuq u halfu li ma jegghux jirkbu mieghu. Din kienet konferma ta' dak li kienet tghidlu ohtu, l-attrici, dwar s-sewqan perikoluz tal-konvenut. Spiss kien jinnota xi daqqa gdida fuq il-van tieghu,u jaf li sena qabel il-konvenut baqa' diehel f'zewg karozzi ohra u l-van tieghu spicca 'total loss'.

Helen Bonello, oht l-attrici, fl-affidavit taghha mahluf fil-15 ta' Settembru 2015, Fol 44, iddikjarat li darba l-konvenut cemplilha u staqsiha ghalhiex ma riditux ikellem lilha u lil uliedha u hi rrisppondietu ghaliex dak li hu kien qed jaghmel lill-attrici kien qed jaghmlu lilhom.

Irrakkontat episodju fejn kienet cemplitilha l-attrici biex issemmalha minn fuq it-telefon dak li kien qed jigri dak il-hin id-dar taghha. L-attrici qaltilha li kienet tibza tohrog mill-kamra u li ma kienet ser tghid lil hadd l-anqas lit-tifla X. Ix-xhud

kienet ittiha parir sabiex iccempel lill-Pulizija pero l-attrici kienet tirrifjuta minhabba in-nies. Darba ohtha l-attrici, marret toqghod ghand it-tifla, X billi ma felhitux aktar. Il-konvenut kien mar ghandha biex icempel lill-ohtha u tghidilha tmur lura d-dar. Ghalkemm wara l-partijiet kienu regghu marru jghixu flimkien, ftit wara rega' nqala' l-istess inkwiet.

Reuben Bajada, ghall-Kumpanija Aluwood Company Limited, Fol 48, ikkonferma li l-konvenut kien ghamel zmien impjegat taghhom u tkecca mix-xoghol fuq bazi dixxiplinarja, billi fuq ix-xoghol gie notat li ma kienx ' fit' ghax-xoghol ghax kien qed jkun taht l-influwenza tax-xorb. Kellhom klijent li lmenta minn xoghol hazin, li gie kkonfermat wara ispezzjoni, pero' l-konvenut ma kienx jixrob fuq il-post tax-xoghol. Hu pprezenta l-Payslips tal-konvenut minn Jannar 2014 sa Dicembru 2014, Fol 52 sa Fol 63 b'konferma li l-konvenut kien jaqla' Euro 891.65 net, L-FS3 ghas-sena 2014 li minnha jirrizulta li l-konvenut qala' Euro 12,300 f'dik is-sena. Ix-xhud ipprezenta ukoll il-PaySlips minn Jannar sa Marzu 2015 u l-FS3 ghall-istess perjodu b'konferma li l-konvenut ghal dawk it-tlett xhur qala' Euro 2349. L-impieg tal-konvenut gie terminat fis-6 ta' Marzu 2015, Dok C Fol 70.

Ivan Cilia, ghad-Direttur tas-Sigurta' Socjali, Fol 50 ikkonferma li b'effett mis-7 ta' Novembru 2015, l-konvenut beda jippercepixxi l-Ghajnuna Socjali fl-ammont ta' Euro 102.04 kull gimgha, Fol 71, jircievi ukoll Euro 3.12 bonus addizzjonali ta' kull gimgha, u Euro 135.10 bonus ta' kull sitt xhur li jithallas f'Gunju u f'Dicembru ta' kull sena.

WPC 341 Leanne Farrugia Fol 79, ipprezentat ir-rapporti li saru mill-attrici, fil-konfront ta' Zewgha, Q V, li gew mmarkati Dok LF1 sa LF7.

L-attrici pprezentat, Fol 80, il-kuntratt tan-nutar Dottor Joseph Spiteri tal-10 ta' Marzu 1980 dwar ix-xiri tad-dar matrimonjali u l-kuntratt tan-nutar Dottor Bartolomeo Micallef tal-25 ta' Novembru 1998 dwar ix-xiri tal-garage 3, Triq B Bontadini, Mriehel, limiti ta' Birkirkara.

L-attrici, b'nota tas-16 ta' Mejju 2016, Fol 136, annettiet valutazzjoni tad-dar matrimonjali mill-Perit Rbert Zerafa li kkonkluda li l-valur tal-imsemmija propjeta' hi ta' Euro 105,000 u valutazzjoni tal-garage li gie stmat li ghandu valur ta' Euro 16,000.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

**Htija ghat-Tkissir taz-Zwieg.**

Il-partijiet zzewwgu fis-26 ta' Settembru 1981, u kellhom tifla, X, li twieldet fil-15 ta' Settembru 1983. Irrizulta mill-provi li ghall-ewwel snin il-hajja matrimonjali tal-partijiet kienet wahda normali u minghajr problemi, ir-ragel kellu impieg tajjeb, u kien jikkontribwixxi ghall-htigijiet tal-familja. Il-flat f'Birkirkara li kien d-dar matrimonjali gie akkwistat minnhom t-tnejn qabel iz-zwieg u l-garage inxtara waqt iz-zwieg.

Il-problemi fiz-zwieg taghhom bdew ghal habta tas-sena 2007 meta l-konvenut qabad il-vizzju tax-xorb, b'konsegwenza li prattikament abbanduna lill-familja u l-obbligi tieghu fil-konfront ta' martu u bintu li saret maggorenni izda kienet tghix mal-genituri.

Fejn qabel kien jirritorna d-dar wara x-xoghol, beda jiffrekwenta il-kazini u d-dar jmur tard bil-lejl fis-sakra, u b'atteggjament vjolenti u aggressiv, prattikament kull jum kien jghajjar, joffendi, jinsulenta u jhedded lil martu, tant li din kellha tqabbad lil huwha jaghmlilha katnazz fil-kamra fejn kienet torqod, billi kienet mwerwra mill-konvenut zewgha li kien jgheddidha li joqtolha. L-attrici kienet tipprova tissaporti l-komportament ta'zewgha, ghalkemm kien hemm okkazzjonijiet meta ma felhitx aktar u sabet rifugju ghand bintha, li ukoll minhabba l-vjolenza u l-atteggjament aggressiv tal-konvenut telqet mid-dar tal-genituri u marret tghix ghal rasha. L-attrici kemm-il darba irritornat lura d-dar wara li l-konvenut kien iweghda li ser jirranga u jibdel hajtu izda prattikament mill-ghada jerga jibda bl-istess hajja karatterizzata mix-xorb eccessiv. Hajja li waslitu biex jitlef l-impieg li kellu, li jonfoq il-flus li kienu gemmghu u li anke seraq il-flus li l-attrici kellha imsakkrin f'kexxun.

Ikkunsidrat;

**Artikolu 40 tal-Kapitolu 16** jipprovdi illi "Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabilment"

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza "**Caterina Agius vs Benedict Agius**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 fejn gie enuncjat li l-ligi tqiegħed bhala motivi illi jiggustifikaw l-azzjoni ta' separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-hajja konjugali, u mhux incidenti minuri.

Fil-kawza fl-ismijiet " **Elisa Thompson vs Edward Thompson**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 1925, gie stabbilit illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali m'hemmx htiega li jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun

sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza impossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' frar 1969 ntqal:

" biex jkun hemm mohqrija jehtieg jkun hemm mhux xi att izolat ta' xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jisthux jkomplu jghixu flimkien".

F'sentenza recenti moghtija fil-25 ta' Novembru 2016 fl-ismijiet "**Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello**" il-Qorti tal-Appell itrattat kaz b'cirkostanzi simili ghal dak in ezami u kellha dan xi tghid fir-rigward ta' "sevizzi" li jwasslu ghat-tkissir taz-zwieg:-

"Mill-aspett legali l-Qorti tosserva li jirrizulta provat il-komportament abuziv da parti tal-intimat, konsistenti f'xehha fil-konfront tar-rikorrenti, kif ukoll episodji ta' vjolenza fizika u morali kommessi minnu fil-konfront ta' martu kagun tal-istat ta' sakra li solitament ikun fiha meta jirritorna ddar. Dan il-komportament abitwali da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali."

Ezaminati l-provi akwiziti, l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi ghat-tkissir taz-zwieg jahti unikament il-konvenut. Hija skuza pjuttost fjakka dik tal-konvenut illi jipprova jiggustifika ruhu ghall-hajja li kien qabad ta' sokor giornalier u duratur. Jghid li kien beda jixrob minhabba l-agir tal-attrici fil-konfront tieghu. Jghid fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu (Fol. 158): "Illi l-intimat jikkoncedi li dan l-ahhar waqa' fi problema ta' xorb, biss dan kollu sehh minhabba l-problemi li beda jsib ma' wiccu d-dar fejn ir-rikorrenti rrendiet ruha hatja ta' eccessi, mohqrija, minaccji, sevizzi u ingurji gravi fil-konfront tal-intimat". Asserzjoni din illi ma hemm l-ebda evidenza dwarha anke ghaliex il-konvenut ma ressaq l-ebda provi stante li hu kontumaci. Il-provi imressqa kollha juru illi kien il-konvenut illi farrak iz-zwieg tal-partijiet bil-komportament tieghu ghal tul ta' zmien mhux biss hajja ta' sokor izda wkoll azzjonijiet illegali fil-konfront tal-attrici inkluz theddid li dwarhom instab hati mill-Qorti tal-Magistrati.

Il-Qorti qed issib lill-konvenut hati wkoll ta' theddid fil-konfront tal-attrici.

L-abbuz tal-konvenut mill-alkohol wassal ukoll sabiex jitlef l-impieg li kellu.

**Manteniment**.

B'digriet tas-7 ta' Dicembru 2015, din l-Qorti ordnat li 'pendente lite' l-konvenut kellu jhallas manteniment pendente lill-attrici ta' mija u sittin ewro (€160) kull erba gimghat, kif ukoll li jhallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

Mid-dokument, Fol 64, l-FS3 tal-konvenut ghas-sena 2014 jirrizulta li ghal dik is-sena mill-impieg tieghu li kellu mal-Aluwood Company Limited qala Euro 12,300. Tkecca mill-impieg minnhabba il-vizzju tax-xorb u beda jircievi l-Ghajnuna Socjali mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali l-ammont ta' Euro 127.67 fil-gimgha, cioe' Euro 510.68 fix-xahar.

L-attrici, fin-nota ta'osservazzjonijiet taghha, Fol 150, qed titlob li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atrici manteniment fl-ammont ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Jane Camilleri vs Carmelo Camilleri**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Novembru 1990 fejn ntqal:

"Il-ligi titlob li l-manteniment jinghata skond il-qliegh tar-ragel u l-utili tieghu, pero' dan ma jistax jigi interpretat b'mod li r-ragel jista' meta jrid jirrezenja mix-xoghol bla raguni gustifikata u jhalli lill-familja bla ma jipprovdi ghaliha".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Emanuela Bartolo vs Francis Bartolo**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' April 1965 ntqal:

" Separazzjoni personali hija giustifikata jekk ir-ragel ma jmantnix lil martu u wliedu. Jekk ir-ragel ma jahdimx huwa ma jehlisx minn dan l-obbligu jekk ma jkollux xi impediment serju jew marda gravi li jinabilitawh mix-xoghol".

Mill-impieg li kellu qabel tkecca l-konvenut kien jaqla circa elf ewro (€1,000) fix-xahar. Il-konvenut jaf li l-attrici ma tahdimx u li qatt ma hadmet barra d-dar sabiex tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-familja inkluz tal-konvenut. Fl-eta` avvanzata taghha mhux possibbli li wiehed jistenna mill-konvenuta li tohrog fid-dinja tax-xoghol.

Fl-istess hin il-konvenut huwa fid-dover illi tenut kont il-hsara li gab fuq il-familja tieghu specjalment fuq martu, li jerfa r-responsabbilita' ta' ghemilu u jaghraf jibdel ir-rotta hazina li qabad. L-obbligu tieghu li jmantni lill-martu ma hux newtralizzat minhabba l-hajja li qabad.

Il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi partikolari l-manteniment li l-konvenut ghandu jhallas lill-martu ghandu jigi stabbilit fis-somma ta' mitejn ewro (€200) kull erba' gimghat u dan b'effett millum filwaqt li sallum il-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghandu jkun dak kif stabbilit bid-digriet tas-7 ta' Dicembru 2015.

**Konsegwenzi ghall-Htija**.

**Artikolu 51 tal-Kap 16** jipprovdi illi:

"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 406 , tista' jkollha l-effetti imsemmija fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom jgħoddu, f'kollox jew f'bicca, id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu."

Fil-fehma tal-Qorti il-htija da parti tal-konvenut ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet kienet tali illi jwasslu lill-Qorti tikkonkludi illi ghandha tikkommina fil-konfront tieghu l-effetti kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap. 16.

**Komunjoni tal-Akkwisti.**

Mill-atti jirrizulta illi l-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti jikkonsistu f'zewg immobbli, wahda d-dar matrimonjali konsistenti f'appartament numru 1, 11, St Agatha's Flats, Triq K Galea, Birkirkara;  u garaxx numru 3 fi Triq B Bontadini f'Birkirkara. L-attrici ghandha wkoll pretensjoni dwar l-indennizz li l-konvenut ircieva minghand l-assikurazzjoni dwar il-van li gie dikjarat 'total loss'.

Filwaqt li l-attrici qed titlob li l-garaxx jinbiegh u r-rikavat jinqasam, fir-rigward tal-appartament qed titlob li tinghata d-dritt li tirrisjedi fih ad eskluzzjoni tal-konvenut. L-attrici tinvoka Artikolu 55A illi jipprovdi li fis-sentenza tal-firda l-Qorti ghandha s-setgha li skond ic-cirkostanzi tordna "(a) li xi parti minnhom ghandha toqghod fid-dar taz-zwieg, ad eskluzzjoni tal-parti l-ohra, u ghal dak il-perijodu u taht dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa".

Min-naha tieghu il-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu qed jitlob li jinghata d-dritt li jibqa' jabita fid-dar matrimonjali ghal zmien hames snin qabel ma tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet.

Ezaminati c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz il-Qorti hi tal-fehma illi d-dar matrimonjali konsistenti f'appartament ghandu jinbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti skond l-istima tal-Perit Zerafa prezentata mill-attrici b'dan illi tali bejgh m'ghandux isir qabel tlett snin millum matul liema perijodu ta' tlett snin l-attrici

qed tinghata d-dritt esklussiv li tirrisjedi f'dan l-appartment bis-sahha tal-Artikolu 55A (1) (a) tal-Kap. 16. Ir-rikavat tal-bejgh bis-subbasta ghandu jinqasam ugwalment bejn iz-zewg partijiet. Ghaldaqsatnt il-konvenut qed jigi ordnat sabiez zmien xahar millum jivvaka mill-appartament de quo.

Dwar il-pretensjonijiet tal-attrici fir-rigward tal-indennizz tal-van proprjeta' komuni tal-partijiet il-Qorti qed tikkonsidra bhala gustifikata t-talba taghha li l-Qorti tikkonsidra l-indennizz mhallas mill-assikurazzjoni bhala assi tal-komunjoni u l-konvenut ghandu jghaddi lill-attrici nofs l-ammont li huwa hekk ircieva minghand l-assikurazzjoni.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjugi V, u dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment fl-ammont ta' mitejn ewro (€200) kull erba' gimghat b'effett millum filwaqt li tikkundanna lill-konvenut ihallas il-manteniment ghal perijodu antecedenti llum fit-termini tad-digriet tas-7 ta' Dicembru 2015. Il-manteniment hawn ordnat jigi awmentat kull sena skond l-indici tal-inflazzjoni. Tordna illi l-manteniment jinqata' mis-salarju tal-impieg tal-konvenut u/jew mill-beneficcji li minn zmien ghal zmien ikun qed jircievi l-konvenu minghand l-istat u jigi mhallas direttament lill-attrici.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tiddikjara illi l-konvenut iddekada mill-jedd li jitlob manteniment minghand l-attrici.

4. Tilqa' r-raba talba attrici, tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna (i) li l-garage numru 3, sottostanti l-maisonettes "Hybery" u " Samui" fi Triq B. Bontadini Birkirkara jinbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti bi prezz mhux anqas minn Euro 16,000 skond stima tal-Perit Robert Zerafa li tinsab a fol 141. u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet; (ii) tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf u erba' mitt ewro (€1,400) rapprezentanti nofs l-indennizz mhallas mill-assikurazzjoni fir-rigward tal-vettura tal-komunjon bl-imghax legali millumi; (iii) bis-sahha tal-Artikolu 55A (1) (a) tal-Kap 16 tiddikjara illi l-attrici ghandha toqghod fid-dar taz-zwieg ad eskluzzjoni tal-konvenut u dan ghal perijodu ta' tlett snin millum b'dan illi l-konvenut ghandu jivvaka d-dar taz-zwieg mhux aktar tard minn xahar millum; Tordna illi wara l-iskadenza ta' tlett snin millum kull parti jkollha d-dritt li titlob

lill-Qorti tiffissa jum u hin ghall-bejgh bis-subbasta tad-dar taz-zwieg tal-partijiet u cioe’ 11 St Agatha Flats, Flat 1, Triq K. Galea, Birkirkara, u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

5. Tilqa’ l-hames talba attrici u tapplika kontra l-konvenut il-penalitajiet kollha kontemplati fl-Artikoli 48 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-spejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**